# L-EDUKAZZJONI NISRANIJA

1. L-EDUKAZZJONI hija għajnuna li tingħata minn min jaf aktar lil min jaf inqas biex dak li jirċeviha jiżviluppa kemm jista' jkun is-setgħat kollha tal-personalità tiegħu, u b'hekk jagħti is-sehem sħiħ tiegħu lil ħajja tal-bnedmin flimkien. Għalhekk *l-edukazzjoni kollha kemm hi, fiha nfisha, hija ħidma li għandha valur reliġjuż*, għax tgħin biex iseħħ il-pjan ta' Alla għall-ħolqien, il-pjan li bih Alla ried li l-bnedmin kollha jilħqu l-milja tal-ħajja – "jikbru fid-daqs, fil-għerf u fil-grazzja" bħal Ġesù.

2. L-edukazzjoni għandha tissokta tul il-ħajja kollha. Dan hu aktar u aktar meħtieġ fi żmienna meta l-għerf jikber b'għaġla kbira. Dan il-bżonn ta' edukazzjoni li tibqa' sejra tul il-ħajja jistħoqqlu aktar attenzjoni; iżda minn ewl id-dinja meta naħsbu fl-edukazzjoni, l-ewwel jiġuna f'moħħna ż-żgħar; u hekk jixraq, għax Kristu wriena li lilhom għandna nagħtu l-akbar importanza (Gospel Ref.).

3. L-ewwel u l-aqwa dmir li jedukaw iż-żgħar huwa dak tal-*ġenituri*. Min iġib l-ulied fid-dinja, qed jidħol għad-dmir li jrabbihom tajjeb. Kemm il-Missier, kemm l-Omm għandhom jagħtu sehemhom; il-Missier għandu r-responsabiltà kbira li huwa x-xbiha li se tinfluwenza ħafna l-idea li t-tifel se jfassal ta' Alla nnifsu u ta' kull awtorità, u m'għandux jitfa' l-piz kollu tal-edukazzjoni fuq l-omm. Huma *l-ġenituri flimkien* li jridu jmexxu 'l uliedhom fl-ewwel passi diffiċli tal-iżvilupp tal-personalità tagħhom b'mod li 'l quddiem it-tfal isiru rġiel ħielsa u responsabbli.

Il-Konċilju Vatikan II qal li s-sehem tal-ġenituri fl-edukazzjoni huwa hekk kbir li "jekk jonqsu huma l-ħsara bil-kemm tista' tissewwa!." Imqar meta t-tfal ikunu jmorru l-iskola, ħafna jiddependi mill-ewwel sisien tal-edukazzjoni li jkunu tqegħdu fid-dar u mill-isfond tal-ħajja familjari li jkollhom waqt li qegħdin jikbru; ir-responsabiltà tal-ġenituri tibqa' dejjem kbira.

4. Il-ġenituri ma jistgħux waħidhom jagħtu l-edukazzjoni sħiħa li jeħtieġu l-ulied. Il-Knisja dejjem ippruvat tgħinhom. Iżda llum l-Istat biss għandu l-mezzi meħtieġa biex kulħadd jirċievi t-tagħlim kollu li jeħtieġ. Iżda l-Istat jidħol biss biex jgħin il-ġenituri u mhux biex joħdilhom posthom. L-Istat għandu d-dritt lejn uliedhom, iżda l-edukazzjoni li

tingħatalhom għandha dejjem tirrispetta l-valuri li skondhom il-ġenituri jridu 'l uliedhom jitilgħu. Għalhekk il-ġenituri għandhom dejjem jissieħbu bl-akbar mod viċin possibbli fit-tagħlim li jingħata fl-iskejjel. Mezz biex dan isir huma l-Parent-Teacher Associations li ġew imsemmija u mfaħħra b'mod speċjali mill-Konċilju Vatikan. Il-ġenituri għandhom ifittxu kull mezz ieħor biex l-iskola tkun tabilħaqq servizz ta' għajnuna mogħtija lilhom u ma jaċċettaw qatt li huma jitwarrbu fil-ġenb fl-edukazzjoni ta' wliedhom.

5. Il-ġenituri għandhom dritt jinsistu li l-edukazzjoni li tingħata fl-iskejjel tkun edukazzjoni reliġjuża. Biex bl-edukazzjoni jiġu żviluppati s-setgħat kollha tal-bniedem, jeħtieġ li l-bniedem jitgħallem jaħseb fuq l-iskop tal-ħajja u jisma' bis-sejħa għolja li jisboq lilu nnifsu u jgħix bl-imħabba ta' Alla nnifsu. Imqar jekk aktar 'il quddiem, jasal biex jiċħad il-fidi, dejjem jibqa' tal-aktar siwi għalih li jkun ingħata ħjiel tattwemmin reliġjuż tal-bniedem; hekk iċ-ċaħda ma tkunx il-frott tal-injoranza, iżda ta' għażla ħielsa. U din il-għażla tista' issir biss minn bniedem matur. M'huwiex possibbli li tingħata edukazzjoni newtrali; ma jistax ikun hemm edukazzjoni mingħajr ma jkollok skala ta' valuri. Ebda skala ta' valuri ma tista' tkun newtrali dwar l-iskop tal-ħajja, li aħna nemmnu li mhux ħaġ'oħra ħlief li nissieħbu fil-ħajja ta' Alla nnifsu.

6. L-edukazzjoni reliġjuża, f'pajjiżna, għandha tkun nisranija. L-Arċisqof Anglikan ta' Canterbury (Fit-"Times Educational Supplement, October 4, 1968") kiteb dwar l-Ingilterra:

> 'It is the case that Buddhism, Hinduism, Islam and their various refinements – as well, of course, as Judaism – do have adherents in this country, and certainly any well-educated young person should expect to have some understanding, however superficial, of these faiths.
>
> To deny the primacy of the Christian religion in our culture is, however, perverse. The fact is that most of the population continues to call itself Christian, in however nominal a sense, and the fact is that the Christian religion continues to be lived and practised, however stumbingly, by a great number of people. Consequently, at any rate up to the sixth form, it is the Christian religion that needs to be taught; to do otherwise would be as perverse as to insist that children learnt Arabic or Urdu before they had begun to master their own language.'

Kemm u kemm aktar f'pajjiż bħal Malta għandna ngħidu li l-edukazzjoni għandha tkun nisranija!

ROYAL UNIVERSITY OF

7. M'hemmx dubju lil-Istat jaqbillu li tingħata edukazzjoni nisranija, għax din trawwem ċittadini kuxjenzjużi. Iżda ta' min ninsistu li l-edukazzjoni tabilħaqq nisranija ma tgħinx il-bniedem isir ċittadin tajjeb billi tibdlu f'nagħġa, iżda billi turih kif jgħarbel u jkejjel il-ġrajja tal-ħajja ta' kuljum fid-dawl tal-pjan ta' Alla għall-bniedem. Iċ-ċittadin li rċieva edukazzjoni tassew reliġjuża ma jkunx konformista, iżda kritiku ta' kull soċjetà li sakemm inkunu f'din id-dinja qatt ma tkun laħqet il-milja tas-saltna tal-ġustizzja li xandar Kristu. L-edukazzjoni reliġjuża tnissel fiċ-ċittadini l-ħerqa li jimxu dejjem aktar 'il quddiem lejn it-twettiq tal-ideali evanġeliċi mhux billi jimponuhom bil-forza jew bil-vjolenza, iżda billi jxerrduhom bħal Kristu bid-djalogu li jirrispetta mqar l-egħdewwa filwaqt li jħabrek u jekk hemm bżonn ibati, sal-mewt, biex il-bnedmin dejjem aktar jintrabtu f'xirka waħda tal-imħabba.

8. Huwa ċar li edukazzjoni reliġjuża ma tistax tfisser biss li jkun hemm lezzjonijiet tar-reliġjon f'kull skola. Ir-reliġjon hija dawl għall-ħajja kollha kemm hi. L-edukazzjoni reliġjuża għandha tingħata matul il-jum kollu fl-iskola, u mhux biss matul ftit siegħat fil-ġimgħa. Dan ifisser, l-ewwelnett, li għandu jkun hemm atti ta' qima 'l Alla, bħal talb u tisħib fil-liturġija, li jsiru mill-iskola kollha flimkien jew fi gruppi, u li jkun hemm mezzi oħra biex igħinu fl-iżvilupp reliġjuż tat-tfal. Ifisser ukoll li fit-tagħlim ta' kull suġġett għandu jkun hemm orjentament prattiku lejn is-servizz komunitarju, biex tikber l-imħabba tal-proxxmu (li twassal għand Alla). Dana l-orjentament qed jitolbuh l-edukaturi mqar mhux insara, li tħassbu sewwa mill-konsegwenzi ħżiena ta' nuqqas ta' rabta bejn it-tagħlim skolastiku u l-impenn soċjali. Għalhekk qed jinsistu fuq il-ko-ordinament bejn it-tagħlim tas-suġġetti differenti, u fuq il-bżonn li dana jisbokka f'xi għamla ta' servizz kommunitarju. Dan il-ko-ordinament huwa tajjeb u l-iskop ta' min ifaħħru, iżda qatt m'għandu jfisser li r-Reliġjon ma tibqgħax ukoll imgħallma għaliha nfisha billi tinbela' fit-tagħlim ta' suġġetti oħra.

9. Minn dana jidher kemm hi tassew vokazzjoni l-professjoni ta' għalliem, kemm huwa importanti t-taħriġ tagħhom mhux biss fis-suġġetti li jrid jgħallmu u l-aħjar għat-tagħlim, metodi iżda wkoll f'dawk li huma valuri tal-ħajja; dawn huma l-qofol ta' edukazzjoni tajba u mingħajrhom m'hemmx edukazzjoni vera.

L-għalliem tar-reliġjon, imbagħad, saċerdot jew lajk, ma jistax ikollu biss konoxxenza tajba tad-duttrina nisranija, iżda jrid ikun ukoll xhud ta' fidi ħajja, biex jaqdi l-missjoni tiegħu. U billi s-setgħa tat-tagħlim

hija responsabiltà li ngħatat b'mod speċjali lill-Isqfijiet, huwa dmir u dritt ta' kull Isqof li jara kemm li d-duttrina tkun dik tabilħaqq nisranija u li tkun tiġi mgħallma b'metodi xierqa, kif ukoll minn nies li huwa jista' jqis bħala d-delegati tiegħu.

10. In-nisrani għandu rispett u mħabba għal kulħadd, u għalhekk bl-ebda mod ma jrid jimponi t-twemmin tiegħu bilfors fuq kulħadd. Il-fidi hija vera biss jekk inhi ħielsa. Għalhekk in-nisrani bl-ebda mod ma jippretendi li l-Istat jippratika d-diskriminazzjoni jew jagħmel imposizzjonijiet fuq min ma jemminx jew jemmen mod ieħor mill-kotra l-kbira taċ-ċittadini ta' pajjiżu. Iżda, minn naħa l-oħra, lanqas ma jkun sewwa li tiġi ssagrifikata l-kotra minħabba l-ftit. Kemm l-għalliema, kemm it-tfal li l-ġenituri tagħhom ma jemmnux, m'għandhomx ikunu imġiegħla jagħmlu dak li ma jistgħux jagħmlu bis-sinċerità. Iżda, minn naħa l-oħra, jeħtieġ li l-għalliema kollha jirrispettaw il-valuri tal-kotra taċ-ċittadini (kif ukoll ta' kull ċittadin) u min jonqoslu xi obbligu, jerfa' ieħor; jeħtieġ ukoll, ġaladarba ma jista' jkun hemm ebda edukazzjoni mingħajr riferenza għal skala ta' valuri, li min ma jaċċettax it-twemmin tal-kotra, jaċċetta għallanqas piz ugwali ta' taħriġ fil-valuri morali, mingħajr ma jippretendi li l-Istat jista' jipprovdi l-istess servizz għal każijiet eċċezzjonali li jista' jipprovdi għal każijiet komuni.

P. SERRACINO INGLOTT

Peter Serracino Inglott, born in Valletta, Malta, April 1936. He is a graduate of the Royal University of Malta (B.A.), Oxford (M.A.) Institut Catholique de Paris (B.D.) and of the Università Cattolica del Sacro Cuore di Milano (Ph.D.). He is at present the professor of Philosophy at the Royal University of Malta.